MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Numru 973/2006

Il-Pulizija
(Spettur Victor Aquilina)

vs

Stephen Saliba

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 15668M, akkuzat:

- fil-15 ta' Lulju 2006 ghal habta tas-6.15pm waqt li kien f'dawn il-gzejjer u cioe' go Triq Gorg Zammit, H'Attard, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Evangelista k/a Vivienne Saliba hekk kif iccertifika Dr Malcom Borg M.D Reg 2632 ta' l-Isptar San Luqa liema ferita tista tikkaguna debbulizza permanenti

fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew tista' ggib difett f'parti tal-ghamla tal-gisem jew tista' ggib mankament jew sfregju fil-wicc;
- aktar li fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija minbarra l-piena applikabbli skond il-ligi tapplika l-provediment taht l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Vivienne Saliba.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-akkuza tirreferi ghal incident li sehh fil-gurnata u hin indikati bejn l-imputat u martu Vivienne Saliba fil jew biswit ir-residenza, gia' dik matrimonjali, f'numru 7, Triq George Zammit, Attard. M'hemmx dubbju li dan l-argument sehh meta l-mara, li tghix separatament minn zewgha, marret f'din ir-residenza sabiex twassal lill-bin minuri ghand missieru ma' min jidher li jghix. Rikonoxxut li sehh dan l-argument hu ghal kollox superfluw dwar f'xiex kien jinvolvi stante li, fi-fehma tal-Qorti, dak li hu determinanti fil-kuntest tal-akkuza unika riportata kontra l-imputat hu jekk fil-kors ta' dan l-argument huwa rez lilu innifsu hati li kkaguna feriti gravi fuq martu.

Fil-kuntest tal-istess feriti gravi jew allegati tali l-Qorti ghandha tikkonsidra, apparti n-natura u l-konsistenza tal-feriti, jigifieri jekk jammontawx ghal feriti gravi, ukoll l-intenzjoni tal-imputat. Fi kliem iehor il-ligi tirrikjedi, f'offiza volontarja fuq il-persuna, intenzjoni generika li ssir hsara li tista' tkun hafifa (Art. 221), gravi (Artikolu 216), gravissima (Artikolu 218), jew wkoll dik li twassal ghall-mewt (Art

220). Il-principju regolanti jibqa pero’ dak li dak li jkun irid iwiegeb ghal hsara li jaghmel, independentment mill-konsistenza taghha anka jekk tkun minima.

Issa, fil-kaz in ezami, u fil-fehma tal-Qorti, m’hemmx il-prova certa li l-feriti jaqghu bhala gravi u dan b’referenza specifika ghal allegat ksur tat-tmien kustilja tal-lemin skond ma jindika c-certifikat mediku folio 18. Lanqas m’hemm imqar indizju ta’ prova illi l-kwerelanta sofriet xi griehi f’idejha, l-ghonq jew il-wicc jew inkella xi debbulizza permanenti jew ukoll is-sfregju.

Mill-assiem tal-provi dak li invece jirrizulta hi t-trawma fir-regun ta’ rasha meta l-imputat qabadha minn xaghara u gibdu.

Ghaldaqstant tiddisponi mill-kawza billi ssib l-imputat hati izda mhux, kif akkuzat, li ikkaguna feriti gravi fuq martu, pero’ li ikkaguna feriti hfief, akkuza minuri u involuta, rat l-Artikolu 221 tal-Kap 9 u tikkundannah mitejn Ewro.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------